MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2011

Avviz Numru. 252/2009

**Suzanne Rossi u Claudia Dalli li jiggetixxu id-ditta ‘Modelle International’ bhala organizzaturi tal-konkors ‘Miss World – Malta’**

**Vs**

**Lindsay Magri**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors pprezentat mir-rikorrenti nhar is-7 ta’ Lulju2009 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallshom is-somma ta’ sitt elef, disa’ mija u tmienja u tmenin Ewro (€6,988) penali imposta bhala danni pre-likwidati a tenur ta’ l-Artikolu 6 tal-kuntratt datat 30 ta’ Novembru 2008 (kopja annessa w immarkata bhala Dok A) u minnhom inkorsi stante illi l-konvenuta giet eskluza mill-konkors Miss World – Malta, 2009 peress illi hija naqset milli tattendi w tippartecipa ghall-attivitajiet li kellhom iwasslu ghal dan l-avveniment, u dan a tenur tal-

istess klawsola 6 tal-kuntratt anness u mmarkat bhala Dok. A. Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata tar-rikors promotur sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta li hija ingunta in subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet is-segwenti:-

*"Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kollha kontra l-istess atturi.*

*Illi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt iffirmat fit-30 ta' Novembru 2008' humiex gusti u bilancjati u ghaldaqstant qieghda tigi kontestata l-validita' tal-kuntratt.*

*Illi bla pregudizzju ghall-premess jinghad illi l-esponenti onorat il-kundizzjonijiet tal-kuntratt imsemmi hawn fuq.*

*Illi kienu l-atturi stess li kisru l-kundizzjonijiet tal-istess kuntratt.*

*Salv eccezzjoniiet ulterjuri u b'riserva ghall kull azzjoni spettanti lill-eccipjenti*."

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-konvenuta pprezentata nhar it-8 ta' Frar 2010 (afol. 21 et seq.).

Rat in-nota ta sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata nhar is-17 ta' Gunju 2010 (afol. 32 et seq).

Rat is-sentenza moghtija minnha fl-ismijiet premessi nhar il-21 ta' Gunju 2010 (a fol.38 et seq.) li permezz taghha cahdet l-eccezzjoni tal-konvenuta fejn iddikjarat li l-Kapitolu 378 ma japplikax ghall-kaz in ezami w ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Semghet lil **Suzanne Rossi** l-attrici tixhed fis-seduta tal-5 ta' Ottubru 2010. Hija spejgat li hija tmexxi l-organizazzjoni maghrufa bhala Modelle International u tiehu hsieb l-organizzaturi tal-konkors Miss World Malta, licenzjat minn MS World Ltd. Spjegat li fix-xahar ta'

Novembru jifthu l-applikazzjonijiet il-godda u t-tfajliet japplikaw ghal Miss World Malta. Ikkonfermat li l-konvenuta kienet wahda minn dawn it-tfajliet li kienet applikat ghal dan il-konkors. Hija giet moghtija kopja tal-kuntratt sabiex tarah u kellha tiehdu maghha u zzommu ghal tliet gimghat. Huma spejgawlha l-kontenut tal-kuntratt qabel ma mliet il-formola relattiva sabiex tigi processata. Qalulha li kellha taqra l-kuntratt u jekk kellha xi diffikolta' kellha tghidilhom. Ikkonfermat li din iffirmat il-kuntratt nhar l-14 ta' Dicembru 2008 u rritornatulhom sabiex l-applikazzjoni taghha tigi pprocessata. Din inghatat dati sabiex tattendi ghal certu laqghat li jorganizzaw in konnessjoni ma' din il-kompetizzjoni. It-tfajliet kollha jkollhom jidhru fuq programm tat-televizjoni maghruf bhala 'The Search', u kollha jkollhom partecipazzjoni ndaqs u jiehdu xi *photoshoots*.

Spjegat li l-konvenuta ma attendietx la ghall-ewwel appuntament u lanqas ghat-tieni, w ghalhekk hi baghtet ghaliha u iltaqghet maghha personalment fl-ufficcju. Tatha dati godda u akkomodatha w suppost li kellha tattendi ghall-attivitajiet l-ohra. Dan nonostante regghet ma marritx. Ghalhekk gibditilha l-attenzjoni taghha permezz t'ittra, li kopja taghha giet esebita u mmarkata bhala Dok. Z, fejn ghamlitilha referenza ghall-kuntratt iffirmat minnha u ghall- kundizzjonijiet hemm imsemmija. Minkejja dan ma rceviet l-ebda risposta minghandha. Hija ghamlet kuntatt maghha tramite messag fil-*facebook* u ghal darb' ohra l-konvenuta skuzat ruha maghha w qaltilha li kienet ser tattendi ghall-attivitajeit sussegwenti. Tatha data ohra ghal Hadd ta' wara u din accettat. Esebiet kopja tal-messagg li hallitilha fuq il-*facebook* li gie mmarkat bhala Dok X. Ghal darb' ohra regghet halliet lit-*team* kollu jistennieha. Naturalment ma kellhiex ghazla ohra salv li tipprocedi ulterjorment kontra taghha, talli kisret il-kundizzjonijiet tal-kuntratt. Hija esebiet ukoll kopja tal-formola li kienet imliet il-konvenuta, li giet imarkata bhala Dok W.

**Claudia Dalli** l-attrici xehdet nhar id-9 t'Ottubru 2010 u stqarret li hija shab ma' Suzanne Rossi fl-Organizazzoni ta' Miss World Malta. Ikkonfermat li meta kull

partecipanta tapplika sabiex tiehu sehem f'din l-attivita', hija tinghata kuntratt li jikkonsisti f'numru ta' *rules* u *regulations* li jkunu ntbaghtu minn barra, mill-organizzaturi ta' Miss World. Qalet li huma jispjegaw dan il-kuntratt li kull partecipanta w sahansitra anke jhallu lill-partecipanti jiehdu l-kuntratt maghhom sabiex jifluh ahjar. Naturalment una volta l-partecipanta taccetta l-kundizzjonijiet hemm stipulate, din tiffirma l-kuntratt u taghtihulhom lura. Wara jibdew bil-*photo shoots*, jaghtuhom dati ghal *filming* u ghal aktar ritratti. Igibulhom l-istilisti tax-xahar u jipprovdulhom in-nies kollha l-ohra li jkunu ser jiehdu hsieb id-dehra taghhom. Tghid li kull *sponsor* ikollu hames kontestanti tieghu.

Rat illi l-konvenuta ma dehritx la fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2010 u lanqas f'dik tal-15 ta' Dicembru 2010. Inoltre rat li fl-ahhar seduta, cioe' dik tal-15 ta' Dicembru 2010 deher Dr. Ivan Gatt ghall-konvenuta w iddikjara li l-konvenuta ma zammitx kuntatt mieghu nonostante li huwa kien kitbilha.

Rat illi ghalhekk din il-kawza tinsab differita ghas-sentenza in difetto ostakolo.

Ikkunsidrat:

Illi l-atturi qed isostnu li l-konvenuta m'onoratx l-obbligi taghha naxxenti mill-kuntratt iffirmat minnha Dok. A, u ghalhekk kienu qed jitolbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-istess konvenuta l-penali msemmija fil-kuntratt ta' sitt elef disgha mija w tmienja u tmenin Ewro (€6988) bhala danni pre likwidati, a tenur tal-Artikolu 6 ta' l-istess kuntratt. Din il-klawsola tipprovdi is-segwenti:-

"*The Organizers reserve the right to exclude all participants who fail to adhere to the rules and regulations stipulated in Clause 5 supra or who in any way, by her declarations, conduct or demeanour in the run-up to the final night, brings the organizers, the title or the contest into disrepute. The Organizers' decision shall be final and binding and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have to contest the said decision*

*in any court of law. In the event that the participant shall have no right to demand to be refunded with the sum paid by her by way of participation fee or to be reimbursed for any expenses which she may have incurred by way of her having applied to participate in the Miss World Malta for Miss World, 2009 contest. Furthermore, in the event that a participant is excluded from the contest prior to or during the final night of the contest by the Organizers for being in material breach of any of the conditions stipulated in the Preceding clause five (5) of this agreement, said participant shall be liable to pay the Organizers a penalty in the sum of six thousand nine hundred and eighty eight Euros (€6988) (LM3000) which penalty is being imposed by way of pre liquidated damages and the participant hereby expressly renounces to any right which she may have at law to ask the court for the cancellation or abatement of the said penalty."*

Issa l-Artikolu 5 b'mod generali jipprovdi li "*The participant shall be obliged to adhere to the following rules and regulations in the period between her acceptance by the Organizers as a participant in the Miss World-Malta for Miss World 2009 contest and the final night of the said contest".* Waqt li s-sub inciz (a) jipprovdi li kull partecipanta *"has to attend punctually all rehearsals, meetings and events which may be called by the Organizers"*.

L-atturi jghidu li l-konvenuta ma attendietx ghal diversi laqghat li kellha tattendi w ghalhekk fis-7 ta' April 2009 kienu kitbulha (Dok Z a fol. 50) w ghamlulha referenza ghall-kuntratt iffirmat minnha u ghal penali li kellha thallas jekk ma tonorax il-ftehim. Dan nonostante l-konvenuta ma baghtet l-ebda risposta ghal din l-ittra. Permezz tal-istess ittra jirrizulta li ghalhekk il-konvenuta kienet giet accettata bhal partecipanta wara li kienet imliet il-formola a fol. 60 nhar il-25 ta' Novembru 2008. L-atturi pprezentaw kopja tal-messaggi li gew skambjati bejnhom u l-konvenuta, fejn minn ezami tal-istess document, Dok X, jidher car li l-konvenuta kienet giet imfakkra bl-obbligi taghha skond il-ftehim u li kienet qed tikser l-istess billi ma tattendix ghal-laqghat li kienu organizzaw, u fil-fatt kienet

skuzat ruhha w obbligat ruhha li tmur ghal-laqgha li kellha tinzamm fis-17 ta’ Mejju 2009. Pero’ dan nonostante ghal darb’ ohra regghet ma marritx u dan skond ix-xhieda taghhom, liema xhieda qatt ma giet kontestata mill-konvenuta.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali.</u>**

Illi huwa ben not illi ftehim bejn il-partijiet jorbot lill-istess partijiet sakemm ma jkun hemm xejn li jmur kontra l-ligi f’dak il-ftehim. Dan huwa dak li hu maghruf bhala *pacta sunt servanda*. Kif inghad, huwa ta’ mportanza massima fil-ligi dwar relazzjonijiet bejn persuni u l-partijiet kontraenti “*li l- principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa’ dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta’ tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda*” (ara A.C. datat 5 ta’ Ottubru, 1998 fl-ismijiet **“<u>Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Nginier Civili Anthony Spiteri Staines</u>”** u **“<u>General Cleaners Company Limited vs Accountant General</u>” –** P.A. (RCP) – 29 ta’ Novembru 2001).

Principju iehor generali li japplika ghall-interpretazzjoni ta’ kuntratti huwa dak kontenut fl-**Artikolu 993 tal-Kap. 16** fejn il-ligi tesigi li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti bil-*bona fede* u li dawn jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita’, bl-uzu jew bil-ligi. Infatti fis-sentenza moghtija nhar il-15 ta’ Dicembru 2004 fl-ismijiet **<u>Michael Pace vs Richard Micallef pro et noe</u>** inghad ukoll li “*Il-Qorti (dik ta’ l-Appell Superjuri) tifhem li fil-kuncett tal-bona fidi jidhol ukoll certu element ta’ ekwita’ kif ukoll ta’ sens prattiku u morali li jigi vjolat mhux biss meta konfrontat b’agir specifiku doluz biex jaghmel il-hsara, izda ukoll b’dak il-komportament li jkun ghal kollox sproporzjonat u li ma jkunx accettabli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta’ u tal-logika guridika*.”

**L-Artikolu 992(1) tal-Kap. 16** jipprovdi li *“Il-kuntratti maghmula skond il-ligi ghandhom is-sahha ta’ ligi ghal*

*dawk li jkunu ghamluhom.”* U s-sub inciz (2) ikompli *“Dawn il-kuntratti ma jistghux jigu mhassra hlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew ghar-ragunijiet maghrufin mil-ligi.”*

M’hemmx dubbju li l-iskop kollu ta’ kuntratt huwa biex il-partijiet ikunu jafu fejn qeghdin f’dak li huma drittijiet w obbligi taghhom.

Issa l-penali stabbilita bejn il-partijiet hija, bhala regola meqjusa bhala klawsola li tirrapprezenta d-danni preventivament likwidati minhabba non ezekuzzjoni ta’ obbligazzjoni vide **Antonio Tabone noe vs Negoziante Joseph Tabone** deciza mill-Qorti tal-Kummerc nhar l-24 ta’ Novembru 1950.

l-Awtur famuz Taljan Ricci fil-ktieb tieghu **Corso Teorico Pratico di Diritto Civile** Vol. V1 p 245 jispjega illi klawsola penali hija ntiza bhala “*un obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare l’adempimento dell’obbligazione principale e di stabbilire l’ identita’ dovuta nel caso di non adempimento della medesima*.”

**L-Artikolu 1118 tal-Kap16** jipprovdi li “*Il-klawsola penali hija dik li biha wiehed sabiex jizgura l-ezekuzzjoni ta’ ftehim jobbliga ruhu ghal xi haga fil-kaz li jonqos li jezegwieh”* u is-sub inciz (1) jipprovdi *“il-penali hija kumpens tal-hsara li jbati il-kreditur minhabba in-nuqqas ta’ l-esekuzzjoni ta’ l-obbligazzjoni principali.”*

Issa fil-kaz in ezami jirrizulta li fil-kuntratt miftiehem bejn il-partijiet kien hemm penali dovuta lill-atturi f’kaz ta’ nuqqas ta’ adempjenza da parti tal-konvenuta.

**Il-konvenuta hija obbligata bil-kundizzjonijiet kollha msemmija fil-kuntratt Dok A, inkluz dik tal-penali. Jirrizulta li kienet il-konvenuta li kisret il-kuntratt u ghalhekk illum il-penali hija kollha dovuta, w ghalhekk din il-Qorti qieghda tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta w tilqa’ t-talba tal-atturi b’dan illi qieghda**

**tikkudnanna lill-konvenuta thallas lill-atturi dik is-somma msemmija fir-rikors promotur, rappresentatnti penali fis-somma ta' sitt elef disa' mija w tmienja u tmenin Ewro (€6988).**

**L-ispejjez ta' din i-kawza w l-imghax mid-data tal-prezentata tar-rikors odjern, jithallsu mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------